IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* DIĊEMBRU 1950

# NOFS IS-SEKLU

*DIN is-sena 1950 tagħlaq nofs is-seklu għoxrin, seklu ta' l-akbar svilupp intellettwali u xjentifiku; fih ix-xjenza mxiet tant 'il quddiem li l-lum il-ħajja tagħna qiegħda titfassal fuq dak li tâmar ix-xjenza aktar milli fuq dak li jitolbu x-xewqat u l-ġibdiet tal-bniedem. Dan is-seklu beda taħt l-isem ta' seklu ta' l-elettriċità u milli jidher sa jintemm taħt l-isem ta' seklu atomiku. Il-għorrief aktar għamlu ħilithom biex jivvintaw qawwiet moħbija milli biex ikattru u jseddqu l-ġmiel u l-arti għall-hena u għall-faraġ ta' l-umanità. Il-ħsibijiet u x-xewqat tan-nies il-lum aktar huma mqanqlin minn ħarsien u tgawdija tal-ġisem milli minn hena u paċi tar-ruħ. Minn dawn ix-xejriet tnisslu l-ġrajja ta' dawn l-ewwel ħamsin sena ta' dan is-seklu.*

*Fl-istorja tad-dinja dan l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin jibqa' magħdud bħala żmien ta' l-eħrex gwerer u ta' l-eqqel taqlib. Iż-żewġ gwerer kbar li qallbu d-dinja ta' taħt fuq, swew mhux biss biex qerdu miljuni ta' nies u ħallew miljuni oħrajn immankati, iżda wkoll sviluppaw mezzi ta' ħerba li d-dinja qatt ma kienet ġarrbet bħalhom. Ħtija ta' dawn il-gwerer rajna saltniet l-aktar qawwija jinħallu u jaqgħu fix-xejn u oħrajn iqumu flokhom u jerġgħu jistabtu; rajna tibdil ta' fehmiet, qawmien ta' sistemi ġodda, għamliet ta' gvernijiet li qatt ma konna noħolmu bihom qabel. Ix-xjenza fetħet l-elementi kollha biex fihom il-bniedem ikun jista' jinqeda bil-għodod ta' qirda li skopra: l-art, l-ajru, il-baħar saru triqat li minnhom il-bniedem jista' jgħaddi bin-nar u bl-azzar ħalli jħarbat, ifarrak, ikisser u jeqred.*

*Għidna aktar 'il fuq li l-bniedem f'dan l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin aktar ħaddem il-għerf tiegħu biex ipaxxi l-ġisem milli biex iserraħ ir-ruħ. Hekk insibu li l-aqwa invenzjonijiet saru bil-fehma li jagħtu qawwa, saħħa u konfort lill-ġisem u jeħilsuh minn perikli li jistgħu jkunulu ta' deni jew ta' ħsara. Bi prova ta' dan naraw li l-mediċina, li l-iskop tagħha hu li tfejjaq il-mard u tħares lill-bniedem minn kull deni tal-ġisem, għamlet progressi kbar u kellha suċċessi li bħalhom qatt ma kienet kisbet qabel. Bħall-Mediċina kellhom ukoll svilupp tal-għaġeb xjenzi oħrajn ta' skop*

*utilitarju. Il-lum il-ħajja materjali tal-bniedem qiegħda fl-ogħla sfera ta' tgawdija; iżda b'daqshekk hawn paċi jew hena fost il-bnedmin?*

*Jekk niftħu l-gazzetta, jekk nisimgħu r-radjo, ma naqrawx u ma nisimgħux ħlief tehdid u tagħjir. Wara żewġ gwerer ta' l-akbar qerda stennejna li naraw xaqq dawl ta' paċi u sliem, għall-kuntrarju sibna ruħna go dinja ta' għira u ta' mibegħda, fejn in-nies ma jaħmlux lil xulxin, fejn il-potenzi jibżgħu minn xulxin, fejn kulħadd ħosbien u beżgħan minn dak li jista' jinqala' minn ħin għal ieħor.*

*Dawk il-għodod tal-għaġeb li l-ġenju tal-bniedem kixef jew rama f'dawn l-ewwel ħamsin sena ta' dan is-seklu, qegħdin jieħdu moħħ il-bniedem; il-biża' minn dawk il-għodod ta' ħerba qiegħed iwerwer in-nies. Il-bniedem il-lum ġralu bħal dak li wara li jrabbi serpent jitkexkex u jistkerrhu għax jibża' li joqtlu.*

*Għandna mezzi ta' kumdità li l-bnedmin qatt ma kienu ħolmu bihom qabel; nistgħu naraw ħwejjeġ li qabel ħadd ma kien rahom, nistgħu f'qasir żmien inżuru artijiet li qabilna ħadd ma kien resaq lejhom jew kienu jintlaħqu wara ħafna taħbit u sogru u safar twil; nistgħu ntiru fl-ajru, ngħoddsu f'qiegħ il-baħar, niġru aktar mir-riħ; nistgħu naraw x'qiegħed isir, jew nisimgħu x'qiegħed jingħad eluf ta' mili bogħod minna; nistgħu nitkellmu min-naħa waħda għal oħra tad-dinja, imma b'danakollu ma għandniex paċi; qalbna dejjem ittaqtaq u f'moħħna dejjem igħaw-war id-dudu tal-biża'. U ma hemmx tama li neħilsu minn din il-ħajja komda u lussuża iżda bla ħajr u bla sliem sakemm ma nifhmux li l-bniedem barra ġismu għandu ruħu wkoll u sakemm hu ma jeħux ħseb ta' ruħu, jagħmel x'jagħmel, qatt ma jsib hena u faraġ.*

*Biex ingħixu sewwa u ntejbu l-ħajja tagħna jeħtieġ l-ewwel-nett li nieħdu ħsieb l-ispirtu bħalma s'issa ħadna ħsieb il-ma'erja; jekk inqanqlu xejriet spiritwali fil-ħajja tagħna nkunu nistgħu nifhmu l-iskop li għalih qegħdin ingħixu aħna l-bnedmin u allura nintebħu li għana, saħħa u flus ma humiex biżżejjed biex jikkuntentawna. Il-bniedem hu ħolqien b'sentimenti fini u aktar ma jħaddem dawn is-sentimenti aktar jissaħħaħ u jistaħja. Għalhekk naraw li fejn hemm annuna, imħabba u ħniena, aktar hemm faraġ u paċi, u aktar ma n-nies jersqu lejn xulxin u jiftiehmu, aktar jonqos il-għelt, jispiċċa l-biża' u jgħib is-sħab tan-niket.*

*Din kienet sena ta' Ġublew, meta l-qlub ta' bosta bnedmin*

*sema. Rajna mijiet ta' eluf ta' pellegrini sejrin lejn Ruma biex jinxteħtu f'riġlejn il-Vigarju ta' Kristu u jitolbu maħfra għal dnubiethom. Dan hu sinjal ta' umiltà u ndiema li jiswew wisq biex ikeċċu l-għira u l-mibegħda minn fost il-bnedmin. Għax biex wieħed jifhem lill-ieħor u jersaq lejh l-ewwel irid jinfatam minn kull saħta ta' nefħa u kburija.*

*Fil-Ħarifa ta' din is-sena rajna nofs miljun ruħ jinġabru fil-Misraħ San Pietru ta' Ruma biex jagħtu qima u ġieħ lil Marija li telgħet is-sema bir-Ruħ u bil-Ġisem. Fl-okkażjoni tad-Dogma ta' Marija Assunta l-Papa kebbes xrara li tista' tixgħel f'nar li jagħti lid-dinja dak id-dawl spiritwali tant meħtieġ. Dik il-fawra ta' Fidi għandha mnejn tiswa biex tagħti xejra nisranija lill-ħajja fit-tieni nofs ta' dan is-seklu għoxrin. S'issa f'dan is-seklu ħsibna f'kulma jiswa u jeħtieġ għall-ħajja materjali, inħabirku mela ħalli ngħinu wkoll il-ħajja spiritwali.* Sursum corda! *Inħarsu 'l fuq! Naraw li fl-aħħar nofs ta' dan is-seklu ngħollu ħsibijietna, xewqatna u għamilna, biex inqajmu riġenerazzjoni spiritwali u morali tal-ħajja tagħna.*